- *APPALT*-

- *ONERU U APPREZZAMENT TA' PROVI* -

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' April 2001.**

**Kawza Numru. 8**
**Citaz. Numru. 604/97/RCP.**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Travellers' Lodge Co. Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 2A tal-process fejn gie premess:

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attric s-somma ta' elf sitt mija tmienja u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1668.20.0) bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghal *"fridge room", "freezer room", "refrigeration system"* u oggetti ohra lilha mibjugha w ikkonsenjati inkluz xoghol konness, kollox kif jirrizulta mill-fatturi 1747, 090, 257/95 u 22/96 hawn esebiti bhala Dok. "A" sa Dok. "D" u *l-istatement of account* (Dok. "E"); u ghalkemm interpellata sabiex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; u peress l-istess debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda difiza ghat-talba attrici.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-ispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artikolu 167- 171 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma fuq riferita ta' elf sitt mija tmienja u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1668.20.0) bhala bilanc minn somma akbar dovuta kif fuq spjegat u kif jidher ahjar mill-fatturi u *l-istatement of account* esebiti (Dok. "A" sa "F").

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Lulju 1996, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti taghha jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess socjeta' attrici a fol. 4 tal-process.

Rat l-lista ta' xhieda, l-affidavit u d-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici a fol. 4 sa 10 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 1997 fejn il-Qorti tat lis-socjeta' konvenuta d-dritt li tipprezenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet taghha fi zmien ghoxrin (20) gurnata, wara li l-istess socjeta' sostniet li ghandha eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba attrici u cioe' li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-istess xoghol baqa' ma giex kompletat.

Rat in-Nota tal-Eccezjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 19 tal-process fejn ecceppiet:-

(1) Illi x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici mhux skond is-sengha u l-arti.

(2) Illi konsegwentement is-somma pretiza mhix dik stipulata mis-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 1997, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 158(4) (5) tal-Kap 12 ordnat l-isfilz tad-dikjarazzjoni guramentata a fol. 20 tal-process, u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-30 ta' Gunju 1997.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Gunju 1997, fejn il-Qorti, fuq talba tas-socjeta' konvenuta, awtorizzat lis-socjeta' konvenuta tipprezenta dikjarazzjoni guramentata dettaljata minflok dik sfilzta b'ordni tal-Qorti, u wkoll innominat lil Carmel sive Charles Cuschieri bhala perit tekniku sabiex jirrelata dwar id-domanda attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha opportuni ghall-kaz.

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 1997 fejn il-Qorti, wara ir-rikors tad-29 ta' Lulju 1997 tal-istess perit espert fuq innominat irrevokat l-inkarigu lilu moghti u minflok innominat lill-Inginir Jonathan Bonnett bl-istess inkarigu tal-perit tekniku precedenti, u l-kawza baqghet differita ghas-6 ta' Mejju 1998 ghar-relazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduti tat-2 ta' Novembru 1998, tal-15 ta' Frar 1999, 2 ta' Gunju 1999, u 17 ta' Jannar 2000.

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku datat 29 ta’ Settembru 1999, u d-Digriet ta’ din il-Qorti datat 4 ta’ Dicembru 1999, fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-istess perit tekniku u awtorizzatu jghaddi ghar-relazzjoni fuq il-provi akkwiziti ghall-process sa l-ahhar seduta li zamm (fol. 34).

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2000 fejn il-kawza baqghet differita ghall-ezami tar-rapport, wara li l-istess perit tekniku halef ir-rapport.

Rat ir-relazzjoni peritali tal-espert tekniku minnu presentata fil-20 ta’ Jannar 2000, minn fol. 38 sa 77 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2000 fejn s-socjeta’ attrici irrimettiet ruhha ghar-rapport filwaqt li s-socjeta’ konvenuta talbet taghmel nota tal-osservazzjonijiet, li l-Qorti akkordatilha b’terminu sat-13 ta’ April 2000 ghall-presentata tal-istess, b’risposta tas-socjeta’ attrici sat-13 ta’ Mejju 2000 u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghad-19 ta’ Mejju 2000.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti kif prezentament presjeduta tad-19 ta’ Mejju 2000, 5 ta’ Ottubru 2000, 14 ta’ Dicembru 2000, u 15 ta’ Jannar 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-26 ta’ April 2001.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-bilanc allegatament dovut lilha in konnessjoni max-xoghol ta' *"fridge room", "freezer room" "refrigeration system" "shelving" "switches"* u *"additional shelving"* kollox kif jidher mill-*invoices* esebiti minn Dok. "A" sa Dok. "D" annessi mac-citazzjoni attrici u l-bilanc jidher mill-*istatement of account* esebit bhala Dok. "E" a fol. 10 tal-process.

Illi minn dawn id-dokumenti jirrizulta li s-socjeta` attrici waslet ghall-ammont minnha reklamat b'dan il-mod:-

| | |
|---|---|
| *Fridge room* | Lm1,248.00. |
| *Freezer room* | Lm0,750.00. |
| *Refrigeration system* | Lm1,300.00. |
| Hlas 19 ta' Mejju 1995. | Lm2,000.00. (-) |
| Bilanc | Lm1,498.00. |
| *Switch.* | Lm0,009.20. |
| *Micro Switches.* | Lm0,046.00. |
| *Shelving.* | Lm0,115.00. |
| Bilanc Totali. | Lm1,668.00. |

Illi l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta kienet fis-sens li l-istess xoghol sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u l-istess xoghol ma giex kompletat.

Illi fil-fatt dwar l-istess ilmenti, li ma jirrizultawx min-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, l-istess socjeta' konvenuta sostniethom biss fis-seduta tat-18 ta' Marzu 1999 quddiem il-perit tekniku, fejn osservat li dawn kienu jikkonsistu fis-segwenti:-

(a) l-ixkaffar addizzjonali ma kellhiex terga thallas ghalih, stante li dawn gew mibdula ghaliex ma kienux jifilhu l-piz tal-ikel li tpogga, meta suppost li kellhom jifilhu l-istess piz.

(b) l-kumpressuri gew imwahhla bil-maqlub, izda din giet mibdula il-posizzjoni taghhom, tant li l-istess konvenut sostna li *"dwar il-cold rooms ma ghandi xi nghid xejn. Fil-fatt il-perit tal-bank kien lest li johrog il-bilanc ta' Lm1,498.00 fuq il-cold rooms".*

(c) talbet ukoll li jsiru xi modifiki li l-mutur jintefa meta tinfetah il-bieba, u fil-fatt dan sar ukoll.

(d) Il-valur tax-xogholijiet tat-tiswija li saru mis-socjeta' attrici kellhom ukoll jitnaqqsu mill-kont.

Illi dawn kienu l-unika provi prodotti mis-socjeta' konvenuta biss permezz tax-xhieda tas-Sur Vella fit-

18 ta' Marzu 1999 u abbazzi ta' dawn l-ilmenti l-istess perit tekniku irrelata li meta l-istess sistema giet installata din bdiet tahdem tajjeb, tant li s-socjeta' konvenuta ghamlet pagament sostanzjali akkont; wara saru modifikazzjonijiet mis-socjeta' attrici fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta dwar *l-evaporator fil-fridge room;* illi wara dan l-istess socjeta' konvenuta dehret kuntenta tant li sostniet li l-perit tal-bank kien lest li jhallas il-bilanc dovut ta' Lm1,498 fuq l-istess sistemi. Illi ghaliex dan il-pagament ma sarx ma huwiex car, izda fil-fatt baqa' ma sarx u ineffetti jifforma l-parti sostanzjali tas-sorte mitluba mis-socjeta' attrici.

Illi dwar l-istess ilmenti l-perit tekniku sostna *"li fil-maggior parti ix-xoghol sar skond l-arti u s-sengha izda kien hemm xi dettalji zghar li fl-opinjoni tar-relatant setghu saru b'mod differenti. Dan ghaliex il-condenser units gew armati bil-fannijiet iharsu l-gewwa u jarmu l-gewwa plenum li jifforma fuq il-cold rooms. B'hekk il-fann tal-condenser ikun qieghed jigbed arja minn gol-kamra jghaddiha minn gewwa condenser fejn din tishon u tintrema fuq is-saqaf tal-cold rooms. Meta tigi biex tohrog minn gol-plenum din l-arja terga tghaddi mill-ispazzju li hemm bejn il-cold rooms u s-saqaf u ghalhekk minn fuq il-compressor units bil-konsegwenza li parti mill-arja shuna tista' taghmel short circuit bir-rizultat li l-compressor unit jista' jitrippja fuq high pressure. Il-fatt li hemm madwar*

*metru gholi bejn il-cold rooms u s-saqaf iffisser illi l-possibilita' ta dan is-short circuit hija limitata hafna".*

Illi ghalhekk l-istess perit tekniku irrelata li stante l-premess, u peress li tali sistema kienet qed tiffunzjona sew bit-temperatura rikjesta, anke peress li l-istess *freezer* kellha temperatura tajba ta' - 18C, kull ma kellu jitnaqqas mis-somma mitluba mis-socjeta' attrici kien biss l-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) ghall-ixkaffar stante li dan kellu jiflah il-piz li tpogga fuqu.

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn saru s-segwenti lmenti, li l-maggior parti taghhom lanqas huma sopportati minn provi ta' xejn, u certament li dan mhux il-mod li wiehed ghandu jressaq l-allegazjonijiet tieghu, bla ebda prova probatorji.

Intant dwar l-istess lanjanzi mressqa mis-socjeta' konvenuta fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, jinghad is-segwenti:-

(a) Dwar l-allegazzjoni li l-*evaporator* twahhal f'post hazin, jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Vella ghas-socjeta' konvenuta moghtija quddiem il-perit tekniku, li dan twahhal fl-istess post stante li s-socjeta' konvenuta insistiet li jitwahhal proprju hemm sabiex tirbah *storage space*. It-twahhil tas-*switch* awtomatiku kien necessitat proprju

minhabba din il-posizzjoni tal-istess, voluta mis-socjeta' konvenuta stess, u ghalhekk tali ilment huwa infondat, u dan ukoll gie rilevat mill-istess perit tekniku li ma issugerixxa l-ebda tnaqqis mill-ammont mitlub ghall-istess.

(b) Illi sar ilment ukoll dwar it-temperatura tal-istess *freezer u cold rooms,* pero' tali ilmenti ma irrizultawx lanqas mir-relazzjoni peritali, anzi jirrizulta li waqt l-access il-*fridge room* lanqas biss thaddmet mis-socjeta' konvenuta waqt l-access, presumibilment peress li l-istess socjeta' konvenuta ma kellha ebda ilmenti fuqha, mentri il-*freezer room* kellha temperatura tajba ta' -18 grad *Celsius*, u ghalhekk kienet qed tahdem sew.

(c) Illi dwar l-allegat bdil ta' kompressuri msemmi fl-istess nota ta' osservazzjonijiet, dan imkien ma jirrizulta fix-xhieda tal-istess socjeta' konvenuta, u ghalhekk certament li dan l-ilment ma jistax jigi accettat minn din il-Qorti, stante li l-istess socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova dwar l-istess u lanqas gabet provi fuq l-allegati spejjez li hija ghamlet biex tirranga t-tiswijiet minnha lamentati biss fl-istess nota. Fil-fatt jinghad li s-socjeta' konvenuta ma resqet ebda ilment ta' dan it-tip quddiem il-Qorti, u lanqas quddiem il-perit tekniku, anzi quddiem dan tal-ahhar sostniet li kienet lesta li thallas l-ammont bilancjali ta'

Lm1,498 ghas-sistema, ovvjament ghaliex kienet kuntenta biha.

Illi f'dan il-kuntest huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti inkreddibbli kif is-socjeta' konvenuta f'daqqa wahda, u biss fin-nota tal-osservazzjonijiet semmiet dawn l-allegati nuqqasijiet, meta hija konxja tal-fatt li fl-istadju ta' provi, anke quddiem il-perit tekniku, hija mhux biss ma ghamlitx tali lamenteli, izda addirittura iddikjarat tramite r-rappresentant taghha bil-gurament li kienet dejjem pronta li thallas il-bilanc minnha dovut ghall-istess sistema.

(d) Illi dwar l-allegazzjoni li s-socjeta' attrici zammet ukoll ghall-xoghol ta' modifika u ta' *re-charging tal-gas,* dawn assolutament ma jirrizultawx lanqas mill-fatturi esebiti mac-citazzjoni attrici, u ghalhekk huma wkoll infondati.

(e) Illi dwar il-posizzjoni tal-fannijiet, wiehed jirreferi ghar-relazzjoni peritali, li sostniet li dawn kienu dettalji zghar, u fil-fatt l-istess perit tekniku lanqas hass li kellu jaghmel xi tnaqqis dwar l-istess. Ma ingabet mis-socjeta' konvenuta l-ebda prova ohra ghaliex din l-opinjoni tal-espert tekniku ma ghandhiex titqies bhala korretta, u fil-fatt ma hemm ebda prova ohra teknika li tikkuntrasta dak sostnut mill-istess perit tekniku, u allura anke dan l-aggravju huwa infondat fil-fatt.

(f) Illi dwar l-ilment tal-ixkaffar, din il-Qorti toqghod ukoll fuq ir-relazzjoni peritali, li kkonkludiet li mill-ammont mitlub ghandha titnaqqas is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100), u fil-fatt s-socjeta' attrici, wara l-presentata tal-istess rapport, aderixxiet ruhha ghall-istess.

Illi fi kwalunkwe kaz jigi rilevat li l-vantazzjonijiet u allegazzjonijiet da parte tal-istess socjeta' konvenuta, kellhom jigu mressqa permezz ta' provi minnhom prodotti, stante li huwa oneru ta' min jallega li jressaq il-provi dwar l-istess, u f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta naqset li dan taghmlu, stante li dwar tali allegati difetti u spejjez, l-istess socjeta' konvenuta kull ma resqet kienet biss osservazzjonijiet permezz tan-nota taghha prezentata fil-14 ta' Dicembru 2000, kwazi tlett snin u nofs wara li saret il-kawza, u iktar minn sitt snin wara li l-istess sistema giet ikkonsenjata u kkommissjonata mis-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha limitatament ghas-somma ta' elf, hames mija u tmienja u sittin lira u ghoxrin centezmu (Lm1,568.20).

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-

konvenuta limitatament ghall-*additional shelving* fl-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100), **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf, hames mija tmienja u sittin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1568.20.0), bhala bilanc minn somma akbar dovuta ghall-*fridge room, freezer room u refrigeration system* u oggetti ohra fuq indikati u kif jidher ahjar mill-fatturi u *l-istatement of account* esebiti (Dok. "A" sa "F").

Bl-imghax kummercjali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici fit-3 ta' April 1997 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Lulju 1996, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' April 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**26 ta' April 2001**